MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1330/1998/1

**Cara Ltd**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà rikorrenti, wara illi ppremettiet illi permezz ta’ Nota ta’ Qbid tat-22 ta’ April 1998 li ggib in-numru 9/1998 l-intimat qabad konsenja ta’ hwejjeg tan-nisa ppakkjati gewwa hmistax il-kaxxa, kif indikat fl-istess

nota (Dok. A), illi din in-nota ta' Qbid inharget stante li gie allegat illi kien hemm ksur ta' l-artikoli 60 (c), (d), (e), u 62 (c), (e), (f), (h), (l) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 u l-Att XII ta' 1994, dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, Kap. 336, tal-Ligijiet ta' Malta, illi s-socjetà rikorrenti oggezzjonat bil-miktub ghal dan il-Qbid u l-ittra tal-21 ta' Mejju 1998 huwa l-avviz li kienet behsieba tagixxi quddiem din il-Qorti biex tirriprendi l-pussess tal-hwejjeg maqbuda, illi s-socjetà rikorrenti toggezzjona ghal dan il-qbid ghaliex mill-fatti kif jistghu jirrizultaw ahjar ippruvati matul is-smiegh tal-Kawza, ma jirrizultax li hemm xi ksur ta' l-Artikoli citati mill-intimat, u illi s-socjetà rikorrenti qabbdet lil terzi persuni sabiex huma jirrilaxxaw il-merkanzija mid-dwana u bl-ebda mod ma kienet involuta fil-processar tal-karti relatati mar-rilaxx tal-merkanzija, talbet illi in vista tas-suespost dik il-Qorti tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja l-merkanzija maqbuda proprjetà tas-socjetà rikorrenti, bl-ispejjes kontra l-intimat;

Rat il-listi tad-dokumenti u tax-xhieda relativi;

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana illi permezz taghha ssottometta:

Illi ghall-kuntrarju ta' dak li qed tallega s-socjetà rikorrenti, persuni mqabbda minnha fit-30 ta' April 1997 irtiraw merkanzija importata f'Malta mill-Cargo Shed ta' l-Air Malta qabel ma l-istess merkanzija giet ezaminata u minghajr ma nghatat l-awtorizzazzjoni ghar-rilaxx mill-ufficjali tad-Dwana;

Dana sar xjentement mid-direttur tas-socjetà rikorrenti billi qabbdu l-mandatarju taghhom jirtiraw il-merkanzija meta d-dokumenti necessarji rigward dan ir-rilaxx ma kienux ghadhom gew processati mill-awtoritajiet kompetenti. Konsegwentement il-hlasijiet dovu(ti) lill-Gvern fuq l-importazzjoni u cioè l-imposta (Levy) u t-taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) fuq il-merkanzija in kwistjoni ma kienux gew imhallsa jew kawtelati;

Illi di più l-eccezzjoni tas-socjetà rikorrenti li qabbdet lil terzi persuni biex jirrilaxxaw il-merkanzija u bl-ebda mod ma kienet involuta fl-iprocessar tad-dokumenti hija

insostenibbli u kontradetta fid-dritt mill-istess disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana;
Ghaldaqstant in vista tas-suespost u tal-provi li ser jemergu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza talab li dik il-Qorti joghgobha tichad ir-rikors tas-socjetà rikorrenti, bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ghoxrin (20) ta' Marzu, 2000 illi permezz taghha l-Qorti cahdet it-talba maghmula fir-rikors u ordnat illi l-ispejjez gudizzjarji ghandha thallashom is-socjetà rikorrenti u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Il-fatti graw hekk:

"Is-socjetà rikorrenti xtrat mill-Italja xi hwejjeg ta' lbies, u dawna waslu Malta fit-30 ta' April 1997. Id-diretturi tas-socjetà gharrfu lill-burdnar Vincent Aquilina biex jaghmel dak li hu mehtieg sabiex jiehu l-merkanzija u jwassalha ghand is-socjetà.

"Vincent Aquilina xehed illi d-diretturi tas-socjetà talbuh jara kif jaghmel biex il-merkanzija johrogha dak in-nhar stess billi l-ghada, l-1 ta' Mejju 1997, kienet festa u ma xtaqux li l-merkanzija tibqa fl-imhazen ta' l-*airport*. Qal ukoll li Paul Ghigo, wiehed mid-diretturi, qallu biex jara setax jirranga ma' tad-dwana biex, jekk ma tkunx tlestiet il-procedura ghal-likwidazzjoni tad-dazju, johrog *blank cheque* favur id-dwana biex il-merkanzija xorta tkun tista' tinhareg. Kompla jixhed illi Lawrence Sammut, ufficjal tad-dwana, tah l-awtorizzazzjoni mehtiega biex jiehu l-merkanzija, u hu hareg *cheque* minn tieghu, ghamlu jithallas lid-dwana u halla l-valur vojt biex hekk il-hlas isir wara.

"Lawrence Sammut, izda, xehed ukoll u cahad li kien hemm dak il-ftehim. Sammut qal li dak li gara hu li Aquilina wrieh *release order* gà iffirmat minn ufficjal iehor tad-dwana, u tah xi jifhem li kienet tal-merkanzija tas-socjetà rikorrenti, waqt li fil-fatt kienet ta' merkanzija ohra.

Fi kliem iehor, Sammut qed jghid li hu halla l-merkanzija tohrog ghax Aquilina qarraq bih.

“Wara li Aquilina hareg il-merkanzija, l-ufficjali tad-dwana ntebhu li ma kinitx inharget b’mod regolari, u ghalhekk marru ghand is-socjetà rikorrenti biex jaqbdu l-merkanzija. Waslu hemm qabel ma kien wasal Aquilina u, meta mbaghad wasal Aquilina bil-merkanzija, il-merkanzija qabduha.

“Is-socjetà rikorrenti mbaghad fethet dawn il-proceduri biex tiehu lura l-merkanzija ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors.

“Il-fatt rilevanti ghall-ghanijiet ta’ din il-kawza hu li l-merkanzija tas-socjetà rikorrenti nharget minn agent tas-socjetà minn taht idejn id-dwana bla ma thallas id-dazju fuqha u qabel ma saru l-proceduri kollha li trid il-ligi; inhargu kontra l-ligi. Dwar x’jigri f’cirkostanzi bhal dawn, il-ligi hija cara. L-art. 60 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana jghid illi “(e) jekk oggetti illi jkunu gew imqieghda fid-depozt jew xort’ohra taht kustodja, f’Malta, … … … jigu … … … kontra l-ligi mahruga minn mahzen jew lok ta’ kustodja … … … l-oggetti … … … ghandhom jigu ikkonfiskati”.

“Fil-fehma tal-qorti, hija eskluza l-possibilità ta’ zball genwin. Id-diskrepanza bejn il-verzjonijiet ta’ Aquilina u ta’ Sammut, partikolarment fuq il-kwistjoni tac-*cheque* bjank, turi li ma hux il-kaz ta’ *misunderstanding*.

“Is-socjetà rikorrenti, fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, qieghda tghid illi ma ghandhiex tehel il-piena tal-konfiska ghax hi ma kellha ebda sehem f’dak li sar kontra l-ligi. Ghalkemm Vincent Aquilina xehed illi kienu d-diretturi tas-socjetà li qalulu biex, jekk ikun mehtieg, jinqeda bi proceduri li ma jkunux ortodossi biex jiehu l-merkanzija dak in-nhar stess li tkun dahlet Malta, il-qorti temmen li d-diretturi tas-socjetà rikorrenti ma kellhomx il-hsieb li jaghmlu xi haga kontra l-ligi. Madanakollu, dan il-fatt ma jistax ikun ta’ ghajnuna ghalihom fi proceduri bhal dawk tallum. Huwa bizzejjed li dawk li jidhru f’isem is-socjetà kienu jafu li Aquilina kien sejjer, f’isimhom, jiehu l-

merkanzija; kien forsi jkun differenti li kieku l-merkanzija ttiehdet u nharget mill-mahzen minn xi halliel, kontra r-rieda taghhom u bla ma kienu jafu, izda dan ma hux il-kaz ghax Aquilina kien agent tas-socjetà regolarment imqabbad minnha.

“Barra minn hekk, il-proceduri ta’ konfiska huma proceduri *in rem*: ladarba wera li l-merkanzija dahlet f’Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana, l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha.

“It-talbiet tas-socjetà rikorrenti, ghalhekk, ma jistghux jintlaqghu.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjetà rikorrenti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi tigi revokata s-sentenza appellata billi tigi annullata l-ewwel sentenza u illi tigi milqugha t-talba kif dedotta bl-ispejjes kontra l-intimati appellati (*sic*);

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi konfermata s-sentenza appellata u b’hekk jincahad l-appell bl-ispejjez;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg aggravji tas-socjetà rikorrenti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta kkonkludiet li l-burdnar kien inkarigat jidher f’isimha sabiex jirrilaxxja l-merkanzija maqbuda;
2. Illi ghalkemm l-ewwel Qorti kkunsidrat li d-diretturi tas-socjetà appellanti ma kellhomx il-hsieb li jaghmlu xi haga kontra l-ligi, xorta cahdet it-talbiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi ma tistax tifhem kif is-socjetà appellanti thoss ruhha aggravata bil-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-burdnar kien inkarigat jidher f'isimha sabiex jirrilaxxja l-merkanzija …", jew ahjar, fi kliem is-sentenza appellata, "… l-merkanzija tas-socjetà rikorrenti nharget minn agent tas-socjetà minn taht idejn id-dwana …" meta, fil-paragrafu enumerat hamsa (5) tar-rikors illi bih gew inizjati dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti s-socjetà rikorrenti ssottomettiet hekk:

"Illi l-esponent (*sic*) qabbdet lill-terzi persuni sabiex huma jirrilaxxjaw il-merkanzija mid-dwana";

Illi huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi ma hemmx dubji illi t-"terzi persuni" illi ghadhom kemm issemmew huwa il-burdnar Vincent Aquilina;

Illi jidher, ghalhekk, ma hemmx izjed x'jinghad dwar l-ewwel aggravju tas-socjetà appellanti u illi l-istess aggravju ma jistax jigi akkolt;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju tas-socjetà appellanti, huwa veru illi fis-sentenza appellata jinghad:

"… il-qorti temmen li d-diretturi tas-socjetà rikorrenti ma kellhomx il-hsieb li jaghmlu xi haga kontra l-ligi."

u illi, ciononostante, l-ewwel Qorti xorta wahda cahdet it-talba tas-socjetà rikorrenti. Però, huwa veru ukoll illi l-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha illi wassluha ghall-imsemmija cahda tat-talba rikorrenti, ragunijiet illi s-socjetà rikorrenti fl-istadju ta' l-appell anqas biss ippruvat turi jekk u fejn huma zbaljati. L-ewwel Qorti, infatti, wara dik il-parti tas-sentenza applellata illi ghadha kemm giet citata, kompliet hekk:

"… Madanakollu, dan il-fatt ma jistax ikun ta' ghajnuna ghalihom [ghar-rikorrenti] fi proceduri bhal dawk tallum. Huwa bizzejjed li dawk li jidhru f'isem is-socjetà kienu jafu li Aquilina kien sejjer, f'isimhom, jiehu l-merkanzija; kien forsi jkun differenti li kieku l-merkanzija ttiehdet u nharget mill-mahzen minn xi halliel, kontra r-rieda taghhom u bla ma kienu jafu, izda dan ma hux il-kaz ghax Aquilina kien agent tas-socjetà regolarment imqabbad minnha.

"Barra minn hekk, il-proceduri ta' konfiska huma proceduri *in rem*:  ladarba wera li l-merkanzija dahlet f'Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana, l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha."
Dina l-Qorti, min-naha taghha, ma ssib xejn eccepibbli f'dan ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti u, konsegwentement, ma tistax takkolji t-tieni (2) aggravju tas-socjetà appellanti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;  u peress li dana l-appell hu wiehed fieragh u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tikkundanna lis-socjeta` appellanti li thallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

--------------------------------TMIEM--------------------------------